**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 157/2016 CFF**

**Untours Insurance Agents Limited**

**Vs**

**Emanuel Micallef**

**Illum it-Tlieta 17 t'Ottubru, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' sitt elef, tlett mija, sebgha u sebghin Euro u sitt centezmi (€6,377.06c) rigwardanti rimbors li s-socjeta' assikurattrici tieghu ghamlet per sentenza 94/05/PS Appell Montaldo Insurance Agency Ltd noe vs Emanuel Micallef et deciza nhar 3 ta' Ottibru, 2007.

Bl-ispejjez u imghax skond il-Ligi kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni.

Rat **ir-risposta** ta' Emmanuel Micallef fejn espona:

Illi din ir-risposta qieghda titressaq sabiex jigu ndirizzati t-talbiet tas-socjeta' attrici f'din il-kawza li qieghda tippretendi minghand l-esponent hlas fl-ammont ta' sitt elef, tliet mija u sebgha u sebghin ewro u sitt centezmi (€6, 377.06), u dan rapprezentanti

rimbors li s-socjeta' assikuratrici ghamlet dwar l-appell 94/05/PS fl-ismijiet *Montaldo Insurance Agency Ltd noe vs Emmanuel Micallef et*, deciza nhar it-3 t'Ottubru, 2007, f'liema proceduri s-socjeta' attrici f'din il-kawza, kienet giet ikkjamata.

1. Illi fl-ewwel lok, l-esponent jissottometi li hu mhux legittimu kontradittur f'din il-kawza, u dan stante li fil-parti deciziva taghha, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) stabbiliet li l-ispejjez kollha relatati ma dik il-kawza bir-referenza 94/05/PS kellhom jigu sopportati mis-socjeta' assikuratrici appellant f'dawk il-proceduri, u ghaldaqstant l-esponent qieghed jigi mharrek inutilment. Incidentalment, kienet is-socjeta' rikorrenti li f'wiehed mill-aggravji li ressqet quddiem il-Qorti tal-Appell, ilmentat mill-fatt li t-Tribunal ghat-Talbiet Zghar li ddecieda l-kwistjoni fl-ewwel istanza, ma ddispona xejn dwar Emmanuel Micallef.
2. Illi fit-tieni lok, u b'zieda ma dan, ezami tal-atti processwali tar-rikors 94/05/PS u tal-proceduri quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar, juru bic-car kemm l-esponent mhux legittimu kontradittur, u dan stante li ma kienx hu l-awtur tal-incident awtomobilistiku li wassal ghal dawn il-proceduri, u fil-mument tal-incident, lanqas ma kien hu s-sid tal-vettura li fil-hin tal-incident kienet qieghda tinstaq minn terz u li kif iddecidiet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fis-sentenza tat-3 t'Ottubru, 2007, kienet koperta minn polza tal-assikurazzjoni valida bis-sahha tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Illi assolutament minghajr pregudizzju ghall-predett, u ghal kollox indipendentement minn dak ritenut qabel, it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikollu 2153 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. Illi ghalhekk l-esponent qatt ma jista' jigi ritenut responsabbli ghan-nuqqas reklamat.
5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.
6. Bl-ispejjez.

Rat l-affidavit ta' Emanuel Micallef li kkonferma li fis-sena 2004 huwa kien sid il-vettura Daihatsu Charade bin-numru tar-registrazzjoni IAG 898 li nbieghet mit-tifel tieghu Wally Micallef lil certu Antoine Micallef li huwa maghruf bhala "Topsy". F'dan il-perjodu l-vettura kienet koperta b'polza tal-assigurazzjoni mas-socjeta' Untours Insurance

Agency Limited. Wally Micallef kien iffirma t-trasferiment tal-vettura permezz ta' skrittura privata ma Antoine Cassar u ghalhekk ma kien hemm xejn formali ma Transport Malta u l-Pulizija. Emanuel Micallef informa lil Antoine Cassar sabiex jaghmlu l-affarijiet b'mod formali izda dan ta' l-ahhar qallu li sakemm isib il-bejgh tal-vettura ma kien se jaghmel xejn. Fl-incident in kwistjoni, is-sewwieq kien certu wiehed Alessio de Carlo. Emanuel Micallef qatt ma kien jaf bih u fil-fatt sar jaf minn ibnu Wally bl-incident. Huwa jzid li ma kienx jaf li Antoine Cassar kien ta l-vettura lil Alessio de Carlo sabiex idur bil-karozza bhala 'trial run'. Untours Insurance Agency Limited fethet proceduri kontra Emanuel Micallef quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar izda t-Tribunal ikkonferma li t-tort tal-incident kien ta' Alessio de Carlo u li Emanuel Micallef ma kellu jsofri l-ebda konsegwenza ta' dak li gara.

Richard Vella li huwa s-CEP tas-socjeta' Untours Insurance Agents Limited ipprezenta dokument RV1 li jindika li Emanuel Micallef kien inxurjat u li l-Untours hallsu lill-Montalto Insurance madwar sebat elef ewro minhabba li l-karozza nstaqet minn persuna taht il-hamsa u ghoxrin sena u allura ma kienx assigurat. Emanuel Micallef kellu jhallas xi mitejn u hamsin lira Maltin bhala excess lill-Untours Insurance u dan il-hlas sar xi erba' snin wara l-incident.

Meta gie mistoqsi Emanuel Micallef jekk jiftakarx li hallas lill-Untours is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin, dan tal-ahhar jghid li ma ghandu amment li hallas ebda somma. Huwa jghid li l-vettura taha lil certu wiehed "Topsy" u talbu sabiex jaghmel it-transfer tal-vettura pero' dan tal-ahhar qal lill-Emanuel Micallef li kien se jaghmel it-transfer la jsib il-bejgh tal-karozza. Gara li kif bieghha, habat biha s-sur DeCarlo li bhala eta' ghandu inqas minn hamsa u ghoxrin.

Richard Vella rega' tela' jixhed nhar il-11 t'April, 2017 u kkonferma li l-insurance qed titlob madwar sitt elef ewro izda kien sar depozitu ta' madwar hames mitt ewro. Ikkonferma wkoll li l-excess huwa fl-ammont ta' tmenin ewro.

Rat il-process ezebit u allegat ma' dawn il-proceduri fl-ismijiet, *Montaldo Insurance Agency Ltd no et vs Emanuel Micallef et (Avviz numru 94/2005 RFA)*;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fuq l-ewwel tlett eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut.

**Ikkunsidrat:**

Din hija sentenza fuq l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenut li huma ta' natura preliminari.

Illi l-Qorti ser titratta fl-ewwel lok it-tielet eccezzjoni. Hawnhekk il-konvenut jeccepixxi li t-talba hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan kif jerga' jikkonferma l-istess konvenut permezz ta' l-abbli avukat difensur tieghu fit-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid is-segwenti,

*"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."*

Ma hemmx dubju li hawnhekk is-socjeta' attrici qeghda titlob hlas ta' flus li hallset ghan-nom tal-konvenut skond is-sentenza 94/2005/PS *Montaldo Insurance Agency Ltd no et vs Emanuel Micallef et*, kwantu hija kienet is-socjeta' assiguratrici ta' l-istess konvenut.

Illi huwa minnu li ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjeta' attrici ghandha d-dritt ta' rivalsa kontra l-konvenut, b'dan pero' s-socjeta' attrici giet ikkundannta thallas kwantu s-socjeta' assiguratrici tal-konvenut fit-3 ta' Ottubru 2007.

Din il-kawza giet intavolata fis-6 ta' Lulju 2016, u dan ferm wara s-sentejn preskrizzjoni li tistabilixxi l-Ligi ai termini ta' l-istess Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Madanakollu s-socjeta' attrici permezz ta' l-abbli difensur taghha fit-trattazzjoni tghid li din il-preskrizzjoni giet interrotta ghal dejjem peress li l-konvenut kien ghamel hlas wiehed[1].

Illi mid-dokumenti prezentati mis-socjeta' attrici (a fol 26 tal-process) jirrizulta li xi hadd ghamel hlas fis-16 ta' Mejju 2008 ta' hames mija tnejn u tmenin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€582.34), fl-istess dokument immarkat bhala Emanuel Micallef, il-konvenut li ghamel il-hlas. L-istess konvenut madanakollu jinnega li qatt ghamel dak it-tip ta' hlas, izda s-socjeta' attrici permezz tar-rapprezentanti taghha tghid li huwa impossibbli li l-hlas seta' ghamlu haddiehor u mhux il-persuna mnizzla f'dak id-dokument indikat.

Illi l-Artikolu 2134 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid is-segwenti,

*"Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi ħlas akkont tad-dejn, magħmul mid-debitur innifsu jew minn wieħed li jkun jidher għalih."*

Hawnhekk il-Ligi taghmilha cara li jekk isir hlas akkont tad-dejn allura l-preskrizzjoni tinkiser. Is-socjeta' attrici tghid li ladarba Emanuel Micallef ghamel dak il-pagament, li l-istess Micallef jinnega, allura din il-preskrizzjoni giet interrotta darba ghal dejjem. Jirrizulta li dan il-pagament, sar, minn min sar ma hux car, izda sar, u sar fis-16 ta' Mejju 2008 skond id-dokument ezebit a fol 26 tal-process.

L-Artikolu 2136 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid is-segwenti,

*"(1) Meta l-preskrizzjoni tiġi miksura, iż-żmien li jkun għadda qabel ma jgħoddx għaliex wieħed jippreskrivi.*
*(2) Iżda, il-preskrizzjoni tista' tibda miexja mill-ġdid."*

Il-Ligi hawnhekk qeghda cara, ma jfissirx li ladarba sar pagament wiehed allura l-preskrizzjoni giet interrotta ghal dejjem ta' dejjem. Il-preskrizzjoni tigi interrotta u z-

[1] *"Il-kwistjoni ta' preskrizzjoni. Mela apprti l-fatt illi ahna qed nghidu li s-sinjur beda jhallas,allura f'dak il-kuntest hemm interruzzjoni kwazi, kwazi eterna... "*(trattazzjoni ta' Dr. Simon Micallef Stafrace datata 11 t'April 2017)

zmien ta' qabel li jkun ga ghadda ma jghoddx izjed, izda l-preskrizzjoni terga' tibda tiddekorri mill-gdid. Ghalhekk din il-kawza se mai kellha ssir fi zmien sentejn mis-16 ta' Mejju 2008 jew ta' l-inqas kellu jintbaghat xi forma ta' att gudizzjarju lill-konvenut biex il-preskrizzjoni terga' tigi interrotta, izda ma jidhirx li dan sar ghaliex ma gie prezentat l-ebda dokument f'dan is-sens.

Il-Ligi hija maghmulha b'dan il-mod u cioe' l-preskrizzjoni terga' tibda tiddekkorri biex hadd ma jibqa' bil-mannara fuq rasu, b'dan illi l-kredituri jkollhom il-*via libera* li jfittxu lid-debituri taghhom wara hafna snin meta jidrilhom huma.

**Decide:**

**Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tilqa' t-tielet (3) eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara li t-talba attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Spejjez a karigu tas-socjeta' attrici.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**